MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 425/2002

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Daniela Caruana**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u ghoxrin lira Maltin (Lm1,620), rapprezentanti import ta' ghoxrin (20) kambjala, kollha ta' Lm81 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru, 2000, sa' Gunju, 2002, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 20 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-18 ta' Gunju, 2002, jammontaw ghal Lm120, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha rriduciet is-sorte ghall-ammont ta' elf, u tletin lira Maltin (Lm1030).

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-3 ta' Frar, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------